# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 27 ta' Novembru tas-sena 2001.**

**Numru 11**

**Avviz numru 138/00/SM**

**Avukat Dottor Michael Tanti Dougall ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Vodafone (Malta) Ltd gia Telecell Limited.**

**vs**

**Grima Comm Ltd.**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat it-8 ta' Frar tas-sena 2000 li permezz teighu l-attur nomine sejjah lis-socjeta' konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandiex tkun ikkundannata:**

**1. Thallas is-somma ta' hames mija tlieta u hamsin lira Maltija erbgha u erbghin centezmu**

**(Lm553.44,0), bilanc ta' somma akbar, rapprezentanti access ghall-uzu ta' mobile telephone u "airtime" ghall-istess uzu, moghti lilu mis-socjeta' attrici ghall-perjodu minn Lulju 1995 sa Settembru 1996, oltre l-imghax fuq l-istess;**

2. **Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra bonarja u ufficjali datati Gunju 1997 u bl-imghax legali;**

3. **Is-socjeta' konvenuta hi ngunta ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata l-1 ta' Gunju tas-sena 2001 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:**

1. **Illi preliminarjament it-talbiet attrici huma preskritti a tenur tal-Artikolu 2156 (1) tal-Kap 16;**

2. **Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ma huwa dovut ebda ammont;**

3. **Illi ghalhekk l-ammont mitlub jehtieg li jigi ppruvat permezz ta' "itemized billings" dwar il-calls allegatament maghmula;**

4. **Salv eccezzjonijiet ulterjuri;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Ikkonsidrat:**

1. **Illi l-attur nomine jallega li ghandu jiehu l-ammont indikat fl-avviz fuq indikat minghand is-socjeta' konvenuta;**

2. **Illi ghalkemm ipprometta "itemised bill" dan ma giex prodott nonostante li gie prodott kont appozitu;**

3. **Illi pero' dan il-kont ma giex ippruvat li hu dovut skond il-ligi;**

**Għaldaqstant, din il-qorti stante li mhix sodisfatta li l-attur nomine ipprova t-talbiet tiegħu skond il-liġi, tiċħad it-talbiet attriċi, bl-ispejjez.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**